MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 513/2013

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Spiteri Aldo**
**ID 75769 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija sitta u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€ 886.10) in konnessjoni ma’ 79997859 (AC40172802), liema servizzi gew ikuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 29 ta’ Marzu 2011. Illi s-somma ta’ tmien mija sitta u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€ 886.10) fuq indikata hija komposta minn hames mija sebgha u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€ 587.10) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skond Dokument

A anness, flimkien ma’ mitejn disgha u disghin Euro (€ 299) dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata skond il-kuntratt.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 342/13, u bl-imghax mit-13 ta’ Frar 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok A sa Dok D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija sitta u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€ 886.10), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------